Nru. 214

ORDNI GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 46 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-Awtorità ta' l-Ippjanar tqis li l-proprjetà li ġejja, jigifieri:–

Batterija tal-Mistra,
il-Mistra, San Pawl il-Baħar

(ara l-pjanta f'paġna 2054) hija ta' valur Storiku u Kulturali li ġiet inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità tqis is-sit imsemmi bħala *critical asset* u għandu bżonn jiġi kkonservat. Għalhekk l-Awtorità ta' l-Ippjannar qiegħda toħroġ Ordni għall-Konservazzjoni fir-rigward tas-sit hawn fuq imsemmi skond l-artikolu 46 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

Il-proprjetà hawn fuq imsemmija (ara pjanta f'paġna 2054) hija fi stat dilapidat u ta' deterjorazzjoni minħabba nuqqas ta' manutenzjoni u interventi insensittivi;

(i) Il-lavur, u l-elementi kollha li jagħmlu parti minn din il-proprjetà għandhom ikunu restawrati, rijabilitati, kkonservati u mantnuti b'osservazzjoni għall-kwalitajiet estetiċi oriġinali.

(ii) Biex tiġi żgurata l-konservazzjoni u l-preservazzjoni tal-proprjetà fit-totalità tagħha, il-proprjetarju/proprjetarji għandhom jipprovdu għar-restawr tal-komponenti kollha tal-fortifikazzjoni u t-tneħħija taż-żidiet kollha li saru sabiex ir-rijabilitazzjoni tiżgura l-elementi u l-karattru oriġinali. Ir-restawr għandu jirripristina l-karattru uniku ta' din l-istruttura militari.

No. 214

CONSERVATION ORDER

Section 46 of the Development Planning Act, 1992

The Planning Authority considers that the following property, namely

Mistra Battery
Mistra, St. Paul's Bay

(see plan on page 2054) is of Historical and Cultural Importance such that the site has been listed as Scheduled Property in terms of Section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also considers the property to be a critical asset and is in need of conservation. Therefore it is hereby issuing a conservation order in respect of the above site in accordance with Section 46 of the Development Planning Act.

The property (see plan on page 2054) is dilapidated and deteriorated because of lack of maintenance and insensitive intervention;

(i) The detailing, masonry work and features which make up the same, are to be restored, rehabilitated, conserved and maintained to their original aesthetic qualities.

(ii) To ensure the conservation and preservation of the fabric and structure of the building in its totality the owner shall restore to its original all components of the said fortification. The said fortification shall be restored to reflect its uniqueness as an example of defensive structure. Any accretions which have compromised character shall be removed as part of a restoration and rehabilitation programme.

(iii) Il-proprjetarju jew proprjetarji għandhom jappuntaw Perit tal-Konservazzjoni jew Konservazzjonist sabiex jipprovdi programm dettaljat fuq is-sitwazzjoni preżenti u tal-batterija u programm ta' restawr fi tliet xhur mill-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni ta' Konservazzjoni. Il-programm għandu jassigura li x-xogħol jitlesta f'perijodu ta' sena mill-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni msemmija;

(iii) The owner or owners shall appoint a conservation architect or conservationist who shall provide within three (3) months of the issue of this Conservation Order a detailed report on the present situation of the battery and a restoration programme. This programme shall ensure that the works be carried out in a period of two (2) years from the issue of this Conservation Order;

(iv) Il-programm ta' restawr għandu jipproponi użu ġdid u propizju għal din il-proprjetà li tinsab fi stat dilapidat. L-użu suġġerit irid ikun konness speċifikament mal-qasam ta' l-immaniġġjar tal-wirt storiku;

(iv) The restoration programme should also suggest new and appropriate uses for this cultural asset. In view of the qualities of the battery, its use will be strictly tied to the heritage field;

(v) Il-proprjetarju jew proprjetarji u l-perit tal-konservazzjoni jew konservazzjonist għandhom jirrapportaw direttament minn żmien għal żmien lill-Awtorità ta' l-Ippjanar u s-Supretendent tal-Fortifikazzjonijiet tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet fuq l-imsemmi restawr u interventi. Spezzjonijiet mill-istess entitajiet isiru minn żmien għal żmien.

(v) The owner/owners and the appointed conservation architect or conservationist shall report directly and periodically to the Planning Authority and the Superintendent of Fortifications of the Works Division on the interventions to be undertaken. Site inspections will be held as necessary;

(vi) Ix-xogħlijiet ta' restawr u l-metidoloġija ta' konservazzjoni għandhom josservaw u jimxu fuq il-Linji Gwida ta' l-Awtorità ta' l-Ippjannar, ir-rakkomandazzjonijiet tas-Supretendent tal-Fortifikazzjonijiet u metodi ta' konservazzjoni u kriterji stabbiliti fil-Konvenzjonijiet, *Charters* u Protokolli stabbiliti mill-Kunsill ta' l-Ewropa u l-UNESCO li Malta ffirmat għalihom.


(vi) The restoration works and conservation methods to be employed should be delineated before any interventions. The works have to follow Planning Authority Guidance, Superintendent of Fortifications recommendations and the criteria established by The Council of Europe and UNESCO in their Conventions, Charters and Protocols, to which Malta is signatory.

Jekk il-proprjetà jew sit jiġi demolit jew mibdul bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċità s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

If the property is damaged or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Section 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

Il-5 ta' Marzu, 2002

5th March, 2002



St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E45408, N79618
Max E45594, N79785

Title :-

Mistra Battery Conservation Order

Ref No. :-

Conservation Order Boundary

Form No. :- MU004